Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/2145(DEC)

5.12.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, Taqsima III – Il-Kummissjoni
(2025/2145(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Evin Incir

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil (il-Patt) hija pedament għas-sistema l-ġdida tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-asil fl-UE, u dan il-Patt se jidħol fis-seħħ f'nofs l-2026 fl-Istati Membri kollha; jenfasizza l-ogħla prijorità politika tiegħu sabiex tiġi żgurata politika kredibbli tal-UE f'dan il-qasam u biex jingħata rispons għall-impenji li saru liċ-ċittadini; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tiżgura biżżejjed disponibbiltà tal-persunal għall-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil, inkluż persunal xieraq biex jappoġġja lill-Istati Membri fi triqthom lejn l-implimentazzjoni tal-aspetti kollha tal-Patt; jenfasizza li, fil-qasam tal-asil u l-migrazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiffoka biss fuq dan, u r-riżorsi umani u l-ħin tax-xogħol ma għandhomx jinħlew fuq reviżjonijiet mhux rakkomandati tal-Patt, meta huwa tant qrib li jidħol fis-seħħ; jinnota l-importanza ta' monitoraġġ u infurzar konsistenti u effettivi fil-qasam tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-asil fl-Istati Membri kollha; jissottolinja li l-implimentazzjoni tal-Patt toffri opportunità biex tissaħħaħ l-applikazzjoni koerenti tad-dritt tal-UE, inklużi l-obbligi tad-drittijiet fundamentali; jenfasizza li l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Patt tirrikjedi mhux biss traspożizzjoni legali iżda anki kooperazzjoni prattika mal-Istati Membri dwar ir-ritorni, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-ftehimiet ta' riammissjoni ma' pajjiżi terzi;

2. Ifakkar fl-impenn tiegħu favur il-prinċipji ta' tfassil ta' politika trasparenti u bbażat fuq l-evidenza; jinnota, f'dak ir-rigward, in-nuqqas ta' valutazzjonijiet tal-impatt għal diversi proposti leġiżlattivi li jintroduċu emendi sinifikanti u sistemiċi għall-qafas legali tal-UE dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-asil; jinnota li l-Iskedi Informattivi tal-EUAA li servew bħala l-bażi għall-proposta tagħha li toħloq lista komuni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni mhumiex disponibbli għall-pubbliku;

3. Jilqa' l-Pjan ta' Implimentazzjoni Komuni għall-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil kif ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2024; fl-istess ħin, ifakkar lill-Kummissjoni fir-rwol tal-Parlament bħala koleġiżlatur f'dan il-proċess; u jitlob li l-Kummissjoni tagħti lill-Parlament aċċess sħiħ tal-Parlament għall-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali, il-pjanijiet ta' kontinġenza nazzjonali u l-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri biex tiżgura sorveljanza effettiva tal-proċess ta' implimentazzjoni, u jfakkar ukoll li meta l-Kummissjoni tiddiskuti kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Patt mal-Istati Membri fil-Kunsill, għandha – f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera – taqsam id-dokumenti rilevanti mal-Parlament;

4. Filwaqt li jilqa' l-progress fl-assorbiment tal-fondi AMIF u tal-FSI, jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' data pubblika dettaljata dwar l-infiq nazzjonali u jitlob li jinħoloq portal uniku online għat-trasparenza fil-livell tal-UE għall-fondi għall-affarijiet interni; jesprimi t-tħassib tiegħu, madankollu, dwar id-diffikultà biex tinkiseb data dettaljata u komprensiva dwar l-infiq, speċjalment taħt ġestjoni kondiviża mill-Istati Membri, u dan jimpedixxi lill-Awtorità Baġitarja milli tagħmel sorveljanza tajba; jilqa' ż-żieda prevista fil-baġit annwali għas-sena 2025 għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-iżgurar ta' finanzjament

suffiċjenti għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Patt u jinkoraġġixxi bil-qawwa li dan l-approċċ jitkompla s-sena ta' wara;

5. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament adegwat u f'waqtu tal-Unjoni għall-Istati Membri u għall-aġenziji tal-Unjoni ħalli tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni bla xkiel tad-dritt tal-Unjoni fl-oqsma tal-ażil u l-migrazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-progress f'waqtu tal-passi amministrattivi, operazzjonali u legali meħtieġa mill-Istati Membri u mill-aġenziji tal-Unjoni, u tgħin f'dan il-progress, għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Patt sas-sajf tal-2026;

6. Jinnota li l-għadd ta' migranti li waslu b'mod irregolari fl-Unjoni naqas fl-2024 meta mqabbel mas-snin preċedenti; jirrikonoxxi l-isforzi li qed tagħmel il-Kummissjoni biex tikkollabora ma' pajjiżi terzi ġirien tal-Unjoni bl-għan li tindirizza l-migrazzjoni irregolari fis-sors u tintegra b'suċċess ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment; jissottolinja l-ħtieġa ta' sorveljanza bir-reqqa u diliġenza dovuta meta jiġu allokati fondi lis-sħab involuti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni barra mill-UE, sabiex jiġi żgurat allinjament mal-istandards tal-UE, inkluż dwar id-drittijiet fundamentali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont meta jiġu pprogrammati u implimentati l-fondi għall-affarijiet interni tal-Unjoni f'pajjiżi terzi; jitlob li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' monitoraġġ trasparenti u indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem tal-fondi għall-affarijiet interni tal-UE f'pajjiżi terzi; jilqa' l-isforz tal-Kummissjoni biex ittejjeb is-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk li huma l-aktar affettwati mill-isfidi tal-migrazzjoni u tal-ażil; jinsisti fuq it-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tappoġġja lill-aġenziji tal-Unjoni u lill-Istati Membri ħalli jikkoordinaw operazzjonijiet effettivi ta' tfittxija u salvataġġ fil-Mediterran, filwaqt li tiżgura li tali azzjonijiet jitwettqu f'konformità mad-dritt internazzjonali u tal-Unjoni;

7. Jilqa' l-monitoraġġ li qed tagħmel il-Kummissjoni tal-parametri referenzjarji tal-istat tad-dritt permezz tas-sett ta' għodod dwar l-istat tad-dritt, inkluż ir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt, li l-kapitoli dettaljati tiegħu jeżaminaw kwistjonijiet individwali u sistemiċi rigward l-istat tad-dritt fl-Istati Membri differenti u jippermettu analiżi komprensiva tas-sitwazzjoni u tal-evoluzzjoni tagħha f'kull Stat Membru u li fl-2024 inkluda għall-ewwel darba erba' pajjiżi tat-tkabbir; jibqa' mħasseb għall-fatt li r-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt, meta jieħu ton diplomatiku żżejjed u ma jiddistingwix b'mod ċar bejn problemi individwali u problemi sistemiċi, jaf jirriskja li jnaqqas il-gravità ta' ftit mill-aktar ksur serju tal-istat tad-dritt; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem biex timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament dwar il-ħolqien ta' mekkaniżmu tal-UE għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għad-drittijiet fundamentali, kif deskritt fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016[1], u tiżgura li l-valutazzjonijiet tal-parametri referenzjarji tal-istat tad-dritt isiru aktar preċiżi u kwalitattivi, u jibbażaw mhux biss fuq emendi leġiżlattivi iżda wkoll fuq evidenza konkreta u indipendenti tal-applikazzjoni prattika tagħhom; jenfasizza li, filwaqt li s-sett ta' għodod disponibbli għall-Unjoni ġie estiż b'mod sinifikanti, l-effettività tiegħu tiddependi mill-applikazzjoni koerenti u konsistenti fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE; jitlob li ssir enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi

[1] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2016 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali (2015/2254(INL)) (ĠU C 215, 19.6.2018, p. 162).

għall-pajjiżi, permezz ta' skedi ta' żmien u parametri referenzjarji li jistgħu jitkejlu; jistieden lill-Kummissjoni tagħti dettalji dwar il-konsegwenzi possibbli f'każ ta' nuqqas ta' konformità, anki billi tirreferi għal strumenti speċifiċi, inklużi għodod baġitarji u kundizzjonalità tal-finanzjament; itenni l-pożizzjoni tiegħu li r-rapport għandu jkopri l-ambitu sħiħ tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE, peress li dawn ma jistgħux jitqiesu waħedhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi stabbilit Semestru Ewropew tal-Istat tad-Dritt, li jinkludi struttura ċara bi stadji importanti fissi u kontributi attivi mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE; jissottolinja li dan iċ-ċiklu annwali jrid ikun ibbażat fuq indikaturi solidi u oġġettivi, irid jagħmilha ċara li l-ksur tal-istat tad-dritt qatt mhuwa trivjali, u li kwalunkwe nuqqas għandu jwassal għal miżuri simili għal dawk applikati fi ħdan il-qafas tas-Semestru Ewropew;

8. Jiddispjaċih dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonkludi li, fl-Ungerija, il-kundizzjoni abilitanti orizzontali tal-Karta kienet ġiet issodisfata fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja, liema deċiżjoni ppermettiet li l-awtoritajiet Ungeriżi jibdew jitolbu rimborżi li jilħqu madwar EUR 10,2 biljun mill-fondi tal-Unjoni; itenni li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija illegali, kif allegat fl-azzjoni pendenti tal-Parlament kontra l-Kummissjoni fil-Kawża C-225/24; jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju tal-kundizzjonalità b'mod rigoruż u tiżgura li l-ebda fond tal-Unjoni ma jiġi rilaxxat fejn jippersisti ksur sistemiku tal-indipendenza ġudizzjarja jew tal-istat tad-dritt;

9. Jinsab imħasseb dwar id-dewmien fil-proċeduri tal-Kummissjoni biex jingħata aċċess għad-dokumenti; ifakkar lill-Kummissjoni tindirizza dawn in-nuqqasijiet minnufih, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament espressi fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Lulju 2023[2];

10. Jinsab imħasseb ferm li l-Kummissjoni għadha ma ppreżentatx miżuri ta' infurzar u segwitu leġiżlattiv għar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament rigward l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ ekwivalenti; ifakkar lill-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tikkonforma mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim Qafas u fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, u tippreżenta, mingħajr dewmien żejjed, pjan ta' azzjoni għall-prevenzjoni tal-abbuż ta' software ta' spjunaġġ fl-Unjoni, filwaqt li tagħmel użu sħiħ mill-mezzi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi kollha disponibbli previsti mit-Trattati.

[2]Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Lulju 2023 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti – rapport annwali għas-snin 2019-2021 (2022/2015 (INI)) (ĠU C..., 17.7.2024)
https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0295_MT.html

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li fl-opinjoni tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-opinjoni, qabel l-adozzjoni tagħha fil-kumitat, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
Transparency International EU / EU Transparency : 501222919-71
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom
Xejn

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	3.12.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 46 –: 25 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Giuseppe Antoci, Jaume Asens Llodrà, Pernando Barrena Arza, Nikola Bartůšek, François-Xavier Bellamy, Ioan-Rareş Bogdan, Saskia Bricmont, Jaroslav Bžoch, Damien Carême, Susanna Ceccardi, Caterina Chinnici, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Alessandro Ciriani, Lena Düpont, Marieke Ehlers, Estrella Galán, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Paolo Inselvini, Irena Joveva, Erik Kaliňák, Marina Kaljurand, Mariusz Kamiński, Fabienne Keller, Mary Khan, Alice Kuhnke, Murielle Laurent, Fabrice Leggeri, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Michael McNamara, Ana Catarina Mendes, Verena Mertens, Nadine Morano, Matjaž Nemec, Ana Miguel Pedro, Ilaria Salis, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Petra Steger, Cecilia Strada, Alice Teodorescu Måwe, Tomas Tobé, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Kristian Vigenin, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Isabel Wiseler-Lima, Ewa Zajączkowska-Hernik, Alessandro Zan, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Katarina Barley, Anna Maria Cisint, Markéta Gregorová, Monika Hohlmeier, Nikola Minchev, Javier Moreno Sánchez, Jan-Christoph Oetjen, Leoluca Orlando, Oliver Schenk, Sebastian Tynkkynen, Alexandre Varaut, Maciej Wąsik
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Stefano Cavedagna, José Cepeda, Pietro Fiocchi, Andrey Kovatchev, Marcos Ros Sempere, Michał Szczerba, Catarina Vieira

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

46	+
PPE	Magdalena Adamowicz, François-Xavier Bellamy, Ioan-Rareş Bogdan, Caterina Chinnici, Lena Düpont, Monika Hohlmeier, Andrey Kovatchev, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Verena Mertens, Ana Miguel Pedro, Oliver Schenk, Michał Szczerba, Alice Teodorescu Måwe, Tomas Tobé, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Isabel Wiseler-Lima, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Irena Joveva, Fabienne Keller, Michael McNamara, Nikola Minchev, Jan-Christoph Oetjen
S&D	Katarina Barley, José Cepeda, Marina Kaljurand, Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemec, Marcos Ros Sempere, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Cecilia Strada, Kristian Vigenin, Alessandro Zan
Verts/ALE	Jaume Asens Llodrà, Saskia Bricmont, Markéta Gregorová, Alice Kuhnke, Leoluca Orlando, Catarina Vieira

25	-
ECR	Stefano Cavedagna, Alessandro Ciriani, Pietro Fiocchi, Paolo Inselvini, Mariusz Kamiński, Sebastian Tynkkynen, Maciej Wąsik
ESN	Mary Khan, Milan Uhrík, Ewa Zajączkowska-Hernik
NI	Erik Kaliňák
PfE	Nikola Bartůšek, Jaroslav Bžoch, Susanna Ceccardi, Anna Maria Cisint, Marieke Ehlers, Fabrice Leggeri, Petra Steger, Tom Vandendriessche, Alexandre Varaut
The Left	Giuseppe Antoci, Pernando Barrena Arza, Damien Carême, Estrella Galán, Ilaria Salis

1	0
PPE	Nadine Morano

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni